Nru. 18,121
Prezz/Price
Lm1.60 (€3.73)

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 4 ta' Settembru, 2007
Tuesday, 4th September, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 783**

### AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,119 u 18,120 tat-28 u l-31 ta' Awissu, 2007 rispettivament.

A.L. Nru. 244 ta' l-2007: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2007 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Gradi ta' *Doctor of Music - D.Mus.* - u *Master of Music - M.Mus.*

A.L. Nru. 245 ta' l-2007: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2007 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Arts in Islands and Small States Studies.*

A.L. Nru. 246 ta' l-2007: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2007 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Arts in Economics - M.A. (Econ.).*

A.L. Nru. 247 ta' l-2007: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2007 tal-Kors għall-*Postgraduate Certificate in Education - P.G.C.E.*

A.L. Nru. 248 ta' l-2007: Att dwar il-Mediċini (Kap. 458); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Provi Kliniċi.

A.L. Nru. 249 ta' l-2007: Att dwar l-Enemalta (Kap. 272); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista ta' l-Elettriku (Emenda Nru. 3).

A.L. Nru. 250 ta' l-2007: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa u l-Insib).

L-4 ta' Settembru, 2007

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 783**

### LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,119 and 18,120 of the 28th and the 31st August, 2007 respectively.

L.N. No. 244 of 2007: Education Act (Cap. 327); Doctor of Music - D.Mus. - and Master of Music - M.Mus. - Degrees Course (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 245 of 2007: Education Act (Cap. 327); Master of Arts in Islands and Small States Studies Degree Course (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 246 of 2007: Education Act (Cap. 327); Master of Arts in Economics - M.A. (Econ.) - Degree Course (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 247 of 2007: Education Act (Cap. 327); Postgraduate Certificate in Education - P.G.C.E. - Course Regulations, 2007.

L.N. No. 248 of 2007: Medicines Act (Cap. 458); Clinical Trials (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 249 of 2007: Enemalta Act (Cap. 272); Electricity Supply (Amendment) (No. 3) Regulations, 2007.

L.N. No. 250 of 2007: Environment Protection Act (Cap. 435); Conservation of Wild Birds (Declaration of the periods for Hunting and Taking) Regulations, 2007.

4th September, 2007

**Nru. 784**

**KUMITAT GĦALL-ISMIJIET TAT-TOROQ ĠODDA**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva li s-Sur Alfred Azzopardi jkun maħtur bħala Membru fuq il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq.

L-4 ta' Settembru, 2007

**No. 784**

**STREET NAMING COMMITTEE**

IT is notified for general information that the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has approved that Mr Alfred Azzopardi be appointed as Member on the Street Naming Committee.

4th September, 2007

**Nru. 785**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

**No. 785**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIVIŻJONI<br>*DIVISION* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Anthony Gatt | Direttur Ġenerali<br>*Director General* | Avjazzjoni Ċivili<br>*Civil Aviation* | 29.8–3.9.2007 |

L-4 ta' Settembru, 2007

4th September, 2007

**Nru. 786**

**AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)**

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

**No. 786**

**NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)**

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għall-liċenza bħala Gwardjani Privati
*Application for licence of a Private Guard*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta ta' l-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz<br>*Address* |
|---|---|---|
| Christopher Calleja | 281364 (M) | 88, Flat 4, Triq il-Merkanti, Valletta |
| Andy Blundell | 395883 (M) | 155, Triq San Pawl, Valletta |
| Maria Emanuela k/a Marlene Aquilina | 477669 (M) | 59 "San Ġorġ", Triq il-Folklor, Birżebbuġa |
| Lee Pendry | 262800 (L) | 9, Flat 10, Triq l-Ifran, Valletta |

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Chetcuti | 3469 (M) | 8 "Vicsilv", Triq il-Plejju, Mġarr |
| Therese Bartolo (Ex: A.F.M.) | 320663 (M) | 23, Triq is-Sultana, Paola |
| Norman Calleja | 693255 (M) | 93, Triq Sir Wiiliam Reid, Gżira |
| Josef Galea | 453878 (M) | 23, "Svenska", Triq id-Dahla ta' San Tumas, Żejtun |
| Mariella Sciberras | 308566 (M) | "Whiskers", Triq il-Ħtajriet, Mosta |
| Keith Farrugia | 275785 (M) | 16, Triq it-Tramuntana, Valletta |
| Abdulbast Mohamed A Ghrenat | 35106 (A) | 9, "Paradise", Misraħ San Nikola, Żabbar |
| Martin Xerri | 466 (G) | "The Gardens", Flat 1, Triq Malta, Għajnsielem, Għawdex |
| Jonathan Bugeja | 41584 (G) | 15, Triq San Ġwann, Rabat, Għawdex |
| Clint Cassar | 120585 (M) | 66, Triq D'Argens, Msida |
| Paulianne Cesare | 504784 (M) | 8, Triq l-Ispnott, Xgħajra |
| Terence Corser | 279375 (M) | 29, "Ernest", Flat 1, Triq l-Empire Stadium, Gżira |
| Mario Galea | 481283 (M) | "Massabielle", Triq l-Għakrux, Żabbar |
| Norman Buttigieg | 430360 (M) | "Executive Suite", Flat 2, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar |
| Nathalie Zammit | 34159 (M) | 253, "Kathleen", Triq l-Orsolini, Pietà |
| Francis Attard | 771556 (M) | 17, "St. Michael", Triq San Ġakbu, Żabbar |
| David Camilleri | 34980 (M) | 23, Triq Vendome, Żejtun |
| Fiona Leyden | 291363 (M) | 19, "Queen", Triq il-Monsinjur Depiro, Sliema |
| Joseph Azzopardi | 17457 (M) | Flat 6, Qasam Ħal Tmiem, Blokk B, Żejtun |
| Christine Azzopardi | 519086 (M) | Flat 6, Qasam Ħal Tmiem, Blokk B, Żejtun |
| Francesco Arrabito | 217605 (L) | 90, "La Campanna", Triq Geronimo Abos, Iklin |
| Darren Coleiro | 331186 (M) | "Redentur", Triq il-Qaddiefa, Marsa |
| Johan Zammit | 179978 (M) | 144, "Camag", Flat 2, Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa |
| Afton May Falzon Wintrup | 474482 (M) | 76, "St. Paul", Flat 2, Triq il-Mimosa, Guardamangia, Pietà |
| Philip Gatt | 208660 (M) | 4, "Solitaire", Triq Anġlu Gatt, Żejtun |
| Clayton Bugeja | 491486 (M) | 7, "Carmvic", Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq |
| Francis Cassar | 34651 (M) | 14, "Resco Court", Flat 3, Triq Turu Rizzo, Gżira |
| Massamino Attard | 30655 (G) | 68, Triq il-Ħamrija, Xewkija, Għawdex |

| | | |
|---|---|---|
| Stephen Micalle | 379183 (M) | Flat 3, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk A1, Fgura |
| Jacqueline Grech | 364378 (M) | "Solitaire", Flat 3, Triq ta' l-Ajżar, Safi |
| Doris (Maria Dolores) Montebello | 486064 (M) | 35, Marshall Courts, Blokk B, Gżira |
| Anthony Cacciattolo | 662261(M) | 39, "Pine Lodge", Triq Stefano Erardi, Iklin |
| Fiona Agius | 484083 (M) | Blokk 16, Bieb B, Flat 10, Triq l-Ispika, San Ġwann |
| Robert Fenech | 436480 (M) | 15, Blokk B, Triq Bertha K. Ilg, San Ġiljan |
| Luke Portelli | 119289 (M) | Binja Tifkiriet Puniċi, Flat 6, l-Imtarfa, Mtarfa |
| Paul Muscat | 122171 (M) | 17, Triq l-Adrijatiku, San Ġwann |
| Nadia Gili | 504277 (M) | 26, Blokk 8, Triq il-Gendus, Bormla |

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

L-4 ta' Settembru, 2007

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

4th September, 2007

AVVIZ TAL-PULIZIJA

**Nru. 92**

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati:

**Ir-Rabat, Għawdex**

Nhar is-Sibt, il-15 ta' Settembru, 2007, fit-8.00 p.m., mit-toroq li ġejjin: Triq Sir Luigi Camilleri, Mro Dirjanu Lanzon, il-Belliegħa, Patri Ġjaċintu Camenzuli u l-Kapuċċini.

Nhar il-Ħadd, is-16 ta' Settembru, 2007, fil-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kapuċċini, Patri Ġjaċintu Camenzuli, il-Belliegħa, Mro Darijanu Lanzon u Luigi Camilleri.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

L-4 ta' Settembru, 2007

POLICE NOTICE

**No. 92**

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

**Victoria, Gozo**

On Saturday, 15th September, 2007, from 8.00 p.m., through the following streets: Sir Luigi Camilleri, Mro Dirjanu Lanzon, il-Belliegħa, Patri Ġjaċintu Camenzuli and il-Kapuċċini.

On Sunday, 16th September, 2007, from 5.00 p.m. through the following streets: il-Kapuċċini, Patri Ġjaċintu Camenzuli, il-Belliegħa, Mro Darijanu Lanzon and Luigi Camilleri.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

4th September, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta'**
***Senior Case Officer (State Aid)***
**fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti *(Policy)*,**
**Uffiċċju tal-Prim Ministru**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Senior Case Officer (State Aid)* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (*Policy*), Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2.1. Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Senior Case Officer (State Aid)* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (*Policy*), Uffiċċju tal-Prim Ministru. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Senior Case Officer (State Aid)* matul il-perjodu tal-kuntratt, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Ufficjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sostantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha ma' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Engagement on Contract in the Position of**
**Senior Case Officer (State Aid) in the**
**Office of the Permanent Secretary (Policy),**
**Office of the Prime Minister**

The Public Service Commission invites applications for the position of Senior Case Officer (State Aid) in the Office of the Permanent Secretary (Policy), Office of the Prime Minister.

2.1. The selected candidate will enter into a three-year contract as Senior Case Officer (State Aid) in the Office of the Permanent Secretary (Policy), Office of the Prime Minister. Unsatisfactory performance as Senior Case Officer (State Aid) during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Office of the Prime Minister as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 5, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Senior Case Officer (State Aid)* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 5 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 5, he/she will be required to relinquish the duties of Senior Case Officer (State Aid) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 5 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 5 (bħalissa Lm9,560 (€22,268.81) fis-sena). Għall-fini ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet ta' l-1937, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3. The salary attached to the position of Senior Case Officer (State Aid) is equivalent to the maximum of Salary Scale 5 (currently Lm9,560 (€22,268.81) per annum). For the purpose of the 1937 Pensions Ordinance, the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of the substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1 Minħabba n-natura tax-xogħol involut, il-persuna maħtura tkun intitolata għal *disturbance allowance* ta' 15% tas-salarju għal xogħol li jsir regolarment wara l-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju. Din l-*allowance* tista' tiżdied sa 25% f'każi eċċezzjonali, u bl-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti *(Policy)*, Uffiċċju tal-Prim Ministru.

4.1 In view of the special nature of the duties involved, the appointee will also be entitled to a disturbance allowance of 15% of the salary for work performed regularly after office hours. The allowance may be increased to up to 25% in exceptional circumstances, and on the approval of the Permanent Secretary (Policy), Office of the Prime Minister.

4.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata għal *performance bonus* ta' mhux aktar minn 10% tas-salarju bażiku tagħha, fuq bażi ta' riżultati pożittivi.

4.2 The selected candidate will also be entitled to a performance bonus of up to a maximum of 10% of the basic salary subject to positive performance.

5. Il-persuna magħżula ma titħallix teżerċita din il-professjoni privatament.

5. The contract employee will not be allowed to perform his/her profession privately.

6. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Senior Case Officer (State Aid)* trid, *inter alia*, tmexxi investigazzjonijiet, tagħmel xogħol ta' riċerka u analiżi, u tagħmel rapporti u dokumenti oħra li jikkonċernaw materji tal-kompetizzjoni, partikolarment fuq *State Aid*. Il-persuna tista' tkun mitluba wkoll li tittratta każijiet quddiem il-Qrati u tagħmel preżentazzjonijiet orali jew bil-kitba kemm f'Malta kif ukoll barra.

6. A Senior Case Officer (State Aid) will be required *inter alia* to lead and manage investigations, undertake research and analysis, draw up reports and other documents concerning competition policy, particularly State Aid. Moreover, he/she may be required to engage in judicial litigation and make oral and written presentations both in Malta and abroad.

7. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

7. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(b) citizens of another European Union member state; or

(ċ) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-dispożizzjonijiet ta' l-UE); jew

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(d) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikollhom *Warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta;

(iv) ikollhom *postgraduate degree* rikonoxxuta, jew kwalifika rikonoxxuta, komparabbli, xierqa, fil-qasam legali, flimkien ma' tliet (3) snin experjenza ta' xogħol relevanti (li sena minnhom trid tkun f'pożizzjoni ta' *management*); u

(v) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

8.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali

(d) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a), (b) and (c) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (b), (c) and (d) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) in possession of a warrant to exercise the profession of Advocate in Malta;

(iv) in possession of a recognized postgraduate degree, or a recognised, appropriate, comparable qualification in the legal field, plus three (3) years relevant work experience (one year of which must be in a management position); and

(v) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

8.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

9. On engagement, a selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding

pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wie[ed jist' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:-http://www.mpo.gov.mt

10.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

10.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

11.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

11.3 Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

12. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Berġa ta' Kastilja, Valletta.

14. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament

/ holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:-http://www.mpo.gov.mt.

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10.2 Petitions objecting to the result in terms of Section1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

11.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

11.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

12. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

13. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Corporate Services, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta.

14. Applications, together with a curriculum vitae including qualifications and experience, will be received

fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (*Policy*), Uffiċċju tal-Prim Ministru, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali)ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2007.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, it-28 ta' Settembru 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (*Policy*), Uffiċċju tal-Prim Ministru, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* ta l-Uffiċċju riċeventi hu +356 2200 1497.

16. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (*Policy*), Uffiċċju tal-Prim Ministru.

(b) Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Is-Segretarju Permanenti *(Policy),* Uffiċċju tal-Prim Ministru jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-4 ta' Settembru, 2007

in the first instance by the Permanent Secretary (Policy), Office of the Prime Minister, Valletta by not later than **noon** (Central European Time) **of** Friday, 28th September 2007.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 28th September 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Office of the Permanent Secretary (Policy), Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Office is +356 2200 1497.

16. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary (Policy), Office of the Prime Minister and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary (Policy), Office of the Prime Minister within seven (7) days.

4th September, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Postijiet ta' *General Practitioner* fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex, Ċentri tas-Saħħa u Saħħa Pubblika) fil-Ministeru għal Għawdex**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* kwalifikati għall-postijiet ta' *General Practitioner* fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex, Ċentri tas-Saħħa u Saħħa Pubblika ) fil-Ministeru għal Għawdex.

2.1 Il-post ta' *General Practitioner* fid-Dipartiment tal-*Customer Services* għandu salarju ta' Lm7,402 (€17,242.02) fis-sena li jiżdied b'Lm256 (€596.319) fis-sena sa massimu ta' Lm8,938 (€20,819.938) (Skala ta' Salarju Nru. 6) fis-sena.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Dipartiment tal-*Customer Services* u l-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Posts of General Practitioner in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital, Health Centres and Public Health) in the Ministry for Gozo**

The Public Service Commission invites applications from qualified medical practitioners for the posts of General Practitioner in the Department of Customer Services, (Gozo General Hospital, Health Centres and Public Health) within the Ministry for Gozo.

2.1 The post of General Practitioner in the Department of Customer Services carries a salary of Lm7,402 (€17,242.021) per annum rising by annual increments of Lm256 (€596.319) up to a maximum of Lm8,938 (€20,819.938) (Salary Scale 6).

3.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Department of Customer Services. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. Il-persuni nominati jkunu meħtieġa li jaħdmu skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubblici jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.2. The appointees will be required to work in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. Il-persuni nominati tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3.3. The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. Il-persuni nominati jitħallew jeżerċitaw il-professjoni tagħhom privatament kemm-il darba:

4. The appointees will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. Il-persuni nominati jkunu jaqgħu direttament taħt id-Direttur tal-*Customer Services*.

5. The appointees will be directly accountable to the Director of Customer Services.

5.1 Id-dmirijiet tal-persuni nominati jkunu skond il-ħtieġa tad-Dipartiment tal-*Customer Services* li jinkludu li jaqdu dmirhom fil-*Hyperbaric Unit* fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

5.1 The appointees will be required to work in the Department of Customer Services as required, including the Hyperbaric Unit at the Gozo General Hospital.

5.2 Id-dmirijiet tal-persuni nominati jinkludu li :

5.2 The duties of the appointees include:

a) tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti li jmorru fiċ-Ċentri tas-Saħħa u fl-ispiżeriji tal-Gvern;

a) seeing to the needs of patients calling at the Health Centres and Government dispensaries;

b) iżżur lill-pazjenti f'darhom meta jkun meħtieġ;

b) visiting patients in their home when a home visit is requested;

ċ) tara lill-pazjenti fil-kliniċi ta' l-ispeċjalisti fiċ-Ċentri tas-Saħħa;

c) seeing patients in specialist clinics within the Health Centres;

d) iżżomm *records* kliniċi bir-reqqa tal-pazjenti u ta' kull informazzjoni oħra mitluba mid-Diviżjoni;

d) keeping accurate clinical records on patients and recording any other information requested by the Division;

e) tassigura l-użu xieraq tar-riżorsi u l-faċilitajiet li jkunu disponibbli għaliha;

e) ensuring proper use of resources and facilities made available to him/her;

f) tieħu sehem regolarment fi programmi ta' żvilupp professjonali kontinwu;

f) participating regularly in programmes of continuing professional development;

g) tagħmel xogħol ieħor li għandu x'jaqsam mal-*Primary Health Care* kif jinħtieġ.

g) performing any other primary health care duties as required.

5.3 Id-dmirijiet tal-persuni nominati meta jkunu qegħdin jaqdu dmirijiet fil-*Hyperbaric Unit,* jinkludu:

5.3 The duties of the appointees when serving at the Hyperbaric Unit, include:

(a) l-għoti ta' pariri lill-awtoritajiet ta' l-Isptar Ġenerali ta'Għawdex f'*diving medicine* u suġġetti relatati;

(b) il-parteċipazzjoni f'tagħlim/istruzzjoni ta' *staff* paramediku u *staff* ta' l-għadds f'*diving medicine* u sigurtà;

(ċ) servizz ta' emerġenza 24 siegħa lill-*Hyperbaric Unit* fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex;

(d) każi ta' emerġenza u elettivi li jirrikjedu trattament ta' *recompression/hyperbaric;*

(e) il-*follow up* neċessarju fuq pazjenti;

(f) li jassiguraw li l-*Hyperbaric Unit* qiegħed jiffunzjona kif suppost il-ħin kollu u li jiġbdu l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet ta' l-isptar u/jew is-sezzjoni tal-manutenzjoni f'każ li jkun hemm xi ħaġa li mhux qed taħdem sew.

5.4 Il-persuni nominati jkunu meħtieġa li jattendu għat-taħriġ li jkun hemm bżonn u jistgħu jkunu wkoll sponsorjati mid-dipartiment skond ir-responsabbiltajiet assenjati.

6. Il-persuni nominati tkun meħtieġa li tuża t-trasport tagħha fuq xogħol uffiċjali fuq bażi ta' ħlas lura bir-rata approvata kull darba li tkun taħdem jew tintbagħat fuq qadi tas-Servizz ta' *General Practitioners*, ħlief fil-każ li tiġi eżentata minn dan l-obbligu għall-raġunijiet validi mid-Direttur, *Customer Services*.

7. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din l-applikazzjoni, l-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(a) to advise the authorities of the Gozo General Hospital in diving medicine and related subjects;

(b) to participate in teaching/instruction of paramedical staff and diving personnel in diving medicine and safety;

(c) to offer 24 hour emergency service at the Hyperbaric Unit of the Gozo General Hospital;

(d) to treat emergency and elective cases at the Unit requiring recompression/hyperbaric treatment;

(e) to carry out the necessary follow up of patients;

(f) to ensure that the Hyperbaric Unit at the Gozo General Hospital is fully operational at all times and to immediately draw the attention of the Hospital's authorities and/or the Hospital's Maintenance Section to any malfunctioning.

5.4 The appointees shall be required to attend for training as deemed necessary and may be also sponsored by the department in line with the assigned responsibilities.

6. The appointees will be required to use their own transport on official business on a reimbursement basis at the approved rate whenever he/she is engaged or deployed in the General Practitioner service, unless for a good reason exempted by the Director, Customer Services.

7. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) (i) ikunu *Medical Officers* li għandhom mill-inqas ħames snin servizz *full-time* jew ekwivalenti fil-*Health Centres* fid-data ta' l-*Addendum* tal-Ftehim dwar il-Klassifikazzjoni u l-Gradi tal-Klassi Medika, tat-23 ta' Mejju 2003; jew

(ii) ikunu *Medical Officers* (*General Practice)* li jkollhom is-*Certificate of Completion of Training in General Practice* maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee*; jew

(iii) ikunu *Medical Practitioners* li isimhom ikun imniżżel fil-*Family Medicine Specialist Register* miżmum mill-*Medical Council*.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza *ta' Continued Medical Education* u ta' Riċerka.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħab'dokumentirelevantilijinkludu evidenzadokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti , illi kopja

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practice the Medical Profession in Malta;

(d) (i) be Medical Officers who have completed at least five years full-time service or equivalent in Health Centres on the date of signing of the Addendum to the Classification and Grading Agreement of the Medical Class dated 23rd May 2003; or

(ii) be Medical Officers (General Practice) in Salary Scale 7 in possession of the Certificate of Completion of Training in General Practice awarded by Specialist Accreditation Committee; or

(iii) be Medical Practitioners whose name is entered in the Family Medicine Specialist Register kept by the Medical Council.

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7.1 Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education or Research.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of

tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

9.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.3 Hija r-responsabbilità ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/ istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-MQRIC jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants,* trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment *Corporate Services*, Ministeru għal Għawdex.

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mill-fergħa tar-Riżorsi Umani, Dipartiment

which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of the statement, may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as avaib may still apply, provided that they submit a copy of the report of the receiving department as soon as available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry for Gozo.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Human Resources Branch, Corporate

tal-*Corporate Services,* Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum* vitae li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Fergħa tar-Riżorsi Umani, Dipartiment tal-*Corporate Services,* Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali)ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Settembru 2007.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu 0356-21559866.

15 Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttur tal-*Corporate Services*. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur tal-*Corporate Services* jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-4 ta' Settembru, 2007

13. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Human Resources Branch, Department of Corporate Services, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Friday, 28th September 2007.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 28th September 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is 0356-21559866).

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services within seven (7) days.

4th September, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Senior Manager* (*Managing Authority*) fid-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Senior Manager* (*Managing Authority*) fid-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2. Il-persuni magħżula jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Senior Manager* (*Managing Authority*) fid-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Persuni li ma jkunux taw sehem sodisfaċenti bħala *Senior Manager* (*Managing Authority*) matul il-perjodu tal-kuntratt, ikollhom il-kuntratt tagħhom terminat.

3. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, huma jżommu l-grad sostantiv tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għall-grad sostantiv tagħhom meta

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Engagement on Contract in the Positions of Senior Manager (Managing Authority) in the Planning and Priorities Co-Ordination Division of the Office of the Prime Minister**

The Public Service Commission invites applications for the positions of Senior Manager (Managing Authority) within the Planning and Priorities Coordination Division, Office of the Prime Minister.

2. The selected candidates will enter into a three-year contract as Senior Manager (Managing Authority) in the Planning and Priorities Coordination Division, Office of the Prime Minister. Unsatisfactory performance as Senior Manager (Managing Authority) during the contract period will lead to termination of contract.

3. If the selected candidates are Public Officers holding a substantive grade in the Malta Public Service, they will retain their substantive grade during the contractual period and will revert to their substantive grade on the termination

l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuni magħżula ma jkunux Uffiċjali Pubblici li għandhom grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħhom mad-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li jiġi terminat il-kuntratt.

4. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt, jiġu maħtura fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 5, huma jkunu mistennija li jħallu d-doveri ta' *Senior Manager* (*Managing Authority*) u jkunu trasferiti għad-doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħhom. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuni magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 5 permezz ta' *progression*, huma jitħallew ikomplu l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħhom kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

5. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 5 (bħalissa Lm9,560 (€22,268.81) fis-sena). Għall-fini ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

6.1 Minħabba n-natura tax-xogħol involut, il-persuni maħtura jkunu intitolati għal *disturbance allowance* ta' 15% tas-salarju għal xogħol li jsir regolarment wara l-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju. Din l-*allowance* tista' tiżdied sa 25% f'każi eċċezzjonali, u bl-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti *(Policy)*, Uffiċċju tal-Prim Ministru.

6.2 Jista' jitħallas *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju. Ir-rata attwali tiġi stabbilita skond id-diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet).

7.1 Id-doveri ewlenin marbuta ma' din il-pożizzjoni huma, *inter alia*, dawn li ġejjin:

(a) tmexxi l-implimentazzjoni effettiva tal-Programm/i assenjat/i;

(b) tikkoordina mal-Ministeri u ma' *stakeholders* orizzontali, partikolarment mal-*Paying/Certifying Authority*, l-*Audit Authority*, it-Teżor u d-Dipartiment tal-Kuntratti u *stakeholders* orizzontali rilevanti oħrajn, inklużi l-Imsieħba, bil-għan li jinftehmu b'mod ċar il-proċeduri u l-kontroll marbuta mat-tmexxija tal-Fondi ta' l-Unjoni Ewropea ġewwa Malta;

(ċ) tikkoordina materji rilevanti ma' Programmi oħrajn, inkluż il-Fond Ewropew għas-Sajd u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali;

of the contract. In the case of selected candidates who are not Public Officers holding a substantive grade in the Malta Public Service, their employment with the Planning and Priorities Coordination Division as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

4. If the selected candidates are Public Officers holding a substantive grade in the Malta Public Service and, during the contract period, are appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 5, they will be required to relinquish the duties of Senior Manager (Managing Authority) and be transferred to duties pertinent to their new grade. However, if the substantive salary of the selected officers becomes higher than the maximum of Scale 5 through progression, they will be allowed to complete their term of engagement as provided by the contract in force.

5. The salary attached to this position is equivalent to the maximum of Salary Scale 5 (currently Lm9,560 (€22,268.81) per annum). For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93), the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of the substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

6.1 In view of the special nature of the duties involved, the appointees will also be entitled to a disturbance allowance of 15% of the salary for work performed regularly after office hours. The allowance may be increased up to 25% in exceptional circumstances, and on the approval of the Permanent Secretary (Policy), Office of the Prime Minister.

6.2 A performance bonus of up to 10% of the salary may be payable. The actual rate will be established at the discretion of the Director General, Planning and Priorities Coordination Division, Office of the Prime Minister.

7.1 The main duties of this position are, *inter alia*, the following:-

(a) manage the effective implementation of the Programme/s assigned;

(b) liaise with line Ministries and horizontal stakeholders, particularly the Paying/Certifying Authority, the Audit Authority, the Treasury and the Department of Contracts and other relevant horizontal stakeholders including Partners with a view to developing a clear understanding of procedures and control relating to the management of EU Funds in Malta;

(ċ) co-ordinate relevant matters with other Programmes, including the European Fisheries Fund (EFF) and the European Agricultural Fund for Rural Development (EAFRD);

(d) tikkoordina ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-*Acquis* ta' l-Unjoni Ewropea rigward il-politika reġjonali in ġenerali, u materji partikolari li għandhom x'jaqsmu mal-Fondi Strutturali u mal-Fond ta' Koeżjoni;

(e) tgħin fit-tmexxija bħala parti mit-tim anzjan tat-tmexxija tad-Diviżjoni;

(f) twettaq doveri oħrajn li jistgħu jiġu assenjati minn żmien għall-ieħor mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet).

7.2 Aktar informazzjoni dwar din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mid-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet, Uffiċċju tal-Prim Ministru, 12, Triq San Pawl, Valletta.

8. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini Maltin; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(iv) ikunu l-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) (i) ikollhom *postgraduate degree* rikonoxxuta, jew kwalifika rikonoxxuta, komparabbli, xierqa, fil-*European jew International studies* jew fil-*Management studies* jew fil-*Business studies* jew fil-*Public Policy* jew fl-istudji Legali jew f'suġġett relatat, u tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti (li sena minnhom trid tkun f'pożizzjoni ta' *management*);

jew

(d) co-ordinate issues dealing with the European Union Acquis concerning regional policy in general, and particular matters dealing with Structural Funds and the Cohesion Fund;

(e) provide leadership as part of the Division's senior management team;

(f) carry out other duties as may be determined from time to time by the Director General, Planning and Priorities Coordination Division, Office of the Prime Minister.

7.2 Further details of the job description of the position may be obtained from the Planning and Priorities Coordination Division, Office of the Prime Minister, 12, St Paul Street, Valletta.

8.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages.

(c) (i) in possession of a recognized postgraduate degree, or a recognized, appropriate, comparable qualification, in European or International studies, or in management studies, or business studies, or public policy or legal studies or in a related area, plus three (3) years relevant work experience (one year of which must be in a management position);

or

(ii) ikollhom *first degree* rikonoxxuta, jew kwalifika rikonoxxuta, komparabbli, xierqa, fil-*European jew International studies* jew fil-*Management studies* jew fil-*Business studies* jew fil-*Public Policy* jew fl-istudji Legali jew f'suġġett relatat, u ħames (5) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti (li sena minnhom trid tkun f'pożizzjoni ta' *management*);

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola tas-*Service and Leave Record* (GP 47); applikanti minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji).

8.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li jafu b'lingwi uffiċjali oħra ta' l-Unjoni Ewropea.

9.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għal din il-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

10.2 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

(ii) in possession of a recognized first degree, or a recognized, appropriate, comparable qualification, in European or International studies, or in management studies, or business studies, or public policy or legal studies or in a related area, plus five (5) years relevant work experience (one year of which must be in a management position);

(d) of good moral character; (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

8.2 Due consideration will also be given to applicants who have knowledge of other EU official languages.

9.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided that they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to the NCPD.

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

11.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

11.3 Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

12. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex ikun żgurat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

13. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li għandhom/m'għandhomx ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-Public Service Management Code fuq il-*website* tal-Management and Personnel Office fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

14. Il-persuni magħżula jistgħu jkunu meħtieġa li jivvjaġġaw barra minn Malta (għal taħriġ kif ukoll fuq xogħol) skond kif meħtieġ mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet).

15. Il-persuni magħżula li jsiefru biex jagħmlu l-korsijiet, jintrabtu bil-kundizzjonijiet relevanti skond il-*Malta Public Service Management Code*.

16. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, 12, Triq San Pawl, Valletta, VLT 2000 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (*Central European Time*) tal-Ġimgħa, it-28 ta' Settembru 2007.

17. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni

11.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

11.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

12. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

13. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address: http://www.mpo.gov.mt

14. The selected applicants may be required to travel abroad (for training and also for work) as determined by the Director General, Planning and Priorities Coordination Division, Office of the Prime Minister.

15. The selected applicants proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

16. Applications together with a *curriculum vitae* indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General (Planning and Priorities Coordination Division), Office of the Prime Minister, 12, St Paul Street, Valletta, VLT 2000 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 28th September 2007.

17. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director General, Planning and

għall-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet, Uffiċċju tal-Prim Ministru, 12, Triq San Pawl, Valletta VLT 2000.

18. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2007, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet huwa +356 2200 1141.

19. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet) għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn;

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet).

L-4 ta' Settembru, 2007

Priorities Coordination Division, Office of the Prime Minister, 12, St Paul Street, Valletta VLT 2000.

18. Applications received from abroad through fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 28th September 2007, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Planning and Priorities Coordination Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Planning and Priorities Coordination Division is +356 2200 1141.

19. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Planning and Priorities Coordination Division, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Planning and Priorities Coordination Division, within seven (7) days.

4th September, 2007

## KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

### Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Management Accountant* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Management Accountant* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Management Accountant* fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Management Accountant* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa lura għall-grad sostantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mad-Diviżjoni tas-Saħħa kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi terminat il-kuntratt.

## PUBLIC SERVICE COMMISSION

### Engagement on Contract in the Position of Management Accountant in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the position of Management Accountant in the Health Division.

2.1. The selected candidate will enter into a three (3) year contract as Management Accountant in the Health Division. Unsatisfactory performance as Management Accountant during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on termination of contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Health Division as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni jkun ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju Nru. 6 (bħalissa Lm8,938) (€20,819.94) fis-sena.

3.2. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt, tiġi maħtura fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 6, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Management Accountant* fid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun trasferita għal doveri li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju Nru. 6 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

5. Id-dmirijiet tal-persuna fil-pożizzjoni ta' *Management Accountant* fid-Diviżjoni tas-Saħħa jinkludu:

(a) Ksib ta' miri strateġiċi u għanijiet kif ordnata mid-Direttur tal-Finanzi;

(b) Implimentazzjoni ta' *business policy* u inizjattivi tad-Direttorat kif stabbiliti mid-Direttur tal-Finanzi;

(ċ) Introduzzjoni u implimentazzjoni ta' *cost and management accounting system* żviluppata;

(d) Tħejjija u evalwazzjoni ta' *operational management accounts* kull xahar;

(e) Tħejjija, analiżi u reviżjoni ta' rapporti ta' *cost information* u żvilupp ta' *management accounting practices* approvati;

(f) Interpretazzjoni ta' informazzjoni finanzjarja u evalwazzjoni ta' l-aspetti finanzjarji ta' l-operat ta' l-isptar;

(g) Flimkien mad-Direttur tal-Finanzi, koordinazzjoni tal-proċess tal-*budget* annwali skond il-pjanijiet u strateġiji ta' l-isptar, għall-approvazzjoni taċ-*Chief Executive Officer;*

(h) Evalwazzjoni ta' *management accounting systems, policies* u proċeduri u preżentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet xierqa għal titjib u bdil;

(i) Sehem fl-implimentazzjoni ta' *Financial Management System* integrata ġdida;

3.1. The salary attached to the position of Management Accountant is equivalent to the maximum of Salary Scale No. 6 (currently Lm8,938) (€20,819.94) per annum.

3.2. In the case that the selected applicant is a Public Officer in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 6, he/she will be required to relinquish the duties of Management Accountant in the Health Division and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 6 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

5. The duties of a Management Accountant in the Health Division include:

(a) Attainment of the strategic goals and objectives as directed by the Director of Finance;

(b) Implementation of business policy and initiatives pertaining to the Directorate as established by the Director of Finance;

(c) Introduction and implementation of a fully-fledged cost and management accounting system;

(d) Preparation and evaluation of monthly operational management accounts;

(e) Preparation, analysis and review of cost information reports and development of approved management accounting practices;

(f) Interpretation of financial information and evaluation of the financial aspects of the hospital's operations;

(g) In collaboration with the Director of Finance, co-ordination of the annual budget process consistent with the Hospital's plans and strategies for approval by the Chief Executive Officer:

(h) Evaluation of management accounting systems, policies and procedures and submission of appropriate recommendations for improvement and modification;

(i) Participation in the implementation of a new integrated Financial Management System;

(j) Għajnuna fir-*risk management function* biex titħaffef l-identifikazzjoni ta' riskju, u assigurazzjoni li l-isptar ikollu l-kontrolli kollha possibbli f'posthom għat-tnaqqis ta' riskji għal-livelli aċċettabbli;

(k) Sehem attiv fl-iżvilupp ta' *risk management policies* u ċċekkjar li dawn qed jinżammu;

(l) Assigurazzjoni li l-impjegati qed josservaw il-*policies* u l-proċeduri ta' l-isptar;

(m) Ġbir ta' informazzjoni u tħejjija ta' rapporti li jistgħu jintalbu mid-Direttur tal-Finanzi minn żmien għal żmien;

(n) Stima u maniġġjar ta' xi proġett jew attivitajiet kif ordnata mid-Direttur tal-Finanzi;

(o) Użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(j) Support of the risk management function in facilitating the identification of risk and ensuring that the Hospital has all possible controls in place to mitigate risks to acceptable levels;

(k) Active participation in the development of risk management policies and monitoring of compliance thereto;

(l) Ensuring that staff members follow the Hospital's policies and procedures;

(m) Collation of information and preparation of reports that may be requested by the Director of Finance from time to time;

(n) Appraisal and management of any project or activities as directed by the Director of Finance;

(o) Making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

ċ) (i) ikollhom Lawrja fl-*Accountancy* jew kwalifika oħra komparabbli xierqa u mill-inqas erba' snin esperjenza bħala *Management Accountant,* preferibbilment f'organizzazzjoni kbira;

JEW

(ii) ikollhom Lawrja jew kwalifika professjonali kif indikat hawn fuq u lawrja ta' wara l-gradwazzjoni fl-*Accountancy, Business Administration* jew kwalifika oħra komparabbli xierqa u mill-inqas sentejn esperjenza relevanti preferibbilment f'organiżżazzjoni kbira;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-

c) (i) be in possession of a first degree in accountancy or other appropriate comparable qualification and a minimum of 4 years experience as a Management Accountant, preferably within a large organisation;

OR

(ii) be in possession of a first degree or professional qualification as specified above and a post-graduate degree in accountancy, business administration or other appropriate comparable qualification and a minimum of 2 years relevant work experience, preferably within a large organisation;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement

applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

11. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif aġġornati minn żmien għall żmien kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li għandhom ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi IX tal-Public Service Management Code. Wieħed jista' jara l-Public Service Management Code fuq il-*website* tal-Management and Personnel Office fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2007.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta

should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

11. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions as updated from time to time stipulated in the agreement for public officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service included as Appendix IX in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address: - http://www.mpo.gov.mt .

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 28th September 2007.

14. Applications received from abroad through a fax or

permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-4 ta' Settembru, 2007

other similar message by Friday, 28th September 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

4th September, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Postijiet ta' *Paramedic Aide (Occupational Therapy)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Paramedic Aide (Laboratory)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' *Paramedic Aide (Occupational Therapy)* għandu salarju ta' Lm4,316 (€10,053.58) li jiżdied b'Lm128 (€298.16) fis-sena sa massimu ta' Lm5,084 (€11,842.53) (Skala ta' Salarju Nru. 15).

2.2. Persuna fil-grad ta' *Paramedic Aide (Occupational Therapy)* tiżdied fis-salarju għal Skala ta' Salarju Nru. 14 b'salarju ta' Lm4,558 (€10,617.28) li jiżdied b'Lm136 (€316.79) fis-sena sa massimu ta' Lm5,374 (€12,518.05) fis-sena meta tagħlaq ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Il-persuna fil-grad ta' *Paramedic* tgħin lill-*Occupational Therapist* fil-kura u l-programm ta' rijabilitazzjoni tal-pazjenti u tkun ukoll parti ta' l-*interdisciplinary team*. Id-dmirijiet jinkludu:

PUBLIC SERVICE COMMISSION

